**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Marzu, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**-vs-**

**Carmel Cilia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0906351M**

***Kumpilazzjoni Nru. 451/2014***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Cilia, u ċioè talli:

1. F'Ġunju, 2014, u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu fi żmienijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, minn ġewwa l-ħanut tiegħu Ta Cikka Bar, Triq Loretu Cutajar, Zebbug, ikkommetta serq ta' elettriku għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż €232.94 izda mhux €2,329.32;

2. Fl-istess perjodu, ikkorrompa uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess

uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

3. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorrompa u kien kompliċi ma' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema impjegat sew jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;

4. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjali jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju a' xi persuna jew entità oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti tal-kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu.

5. Talli rrenda ruħu riċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li nstab ħati b'sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tinbidel.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-24 ta' Jannar, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- Fl-artikoli 18, 261(b) (c), 263, 264, 265, 267, 278, 279(a), 280 u 283A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-artikoli 18, 42, 115(1)(c), 116, 117, 119 u 120 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 42, 112, 114 u 119 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 42 u 127 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

---

[1] Fol.277

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi fl-ewwel lok, fuq skorta tad-decizjonijiet moghtiha mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[2] u **Brian Vella vs l-Avukat Generali**,[3] kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**,[4] l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li nghatat minghajr id-dritt li jkun assistit mill-legali tieghu, ma ghandiex aktar valur probatorju.

Illi wara li kienet giet prezentata kwerela datata nhar it-30 ta' Gunju, 2014, mill-Korporazzjoni Enemalta, is-socjeta` derubata,[5] kien hemm rinunzja ghall-istess kwerela mill-parte leza fejn din iddikjarat li ma kien baqaghlha ebda pendenza rigward dan il-kaz u ghalhekk kienet qed tirrinunzja minghajr rizerva ghall-passi kriminali fil-konfront tal-imputat.[6] Kif deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Camilleri**:[7]

> Illi fil-waqt li originarjament dawn ir-reati kienu prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*, bl-introduzzjoni tal-artikolu 283A u bl-emendi introdotti bil-proviso ghall-artikolu 326 (1) tal-Kodici Kriminali, ghar-reati in dizamina, bl-Att XXII tas-sena 2005, ma jista' jittiehed ebda proceditment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza, f' dan l-kaz ovvjament l-Enemalta Corporation. Hu ovvju ghalhekk li, in vista ta' dawn l-emendi, kienet mehtiega l-kwerela tal-parti offiza biex il-Pulizija setghet tipprocedi kontra l-appellant, f' Mejju, 2006.....

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 283A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara il-proceditment ezawrit fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

---

2 Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018

3 14.12.2018; Appell Kostituzzjonali Numru 90/2016/1 MCH

4 Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, Deciza 20.11.2018; Appell Nru: 259/2018

5 Fol.15.

6 Vide xhieda Dr. Amadeus Cachia a fol.309 et seq.

7 Per Onor. Imhallef Dr. J. Galea Debono, Deciza 12.02 2009; Appell Kriminali Numru. 275/2008

Illi ghalhekk ser tghaddi biex tikkunsidra biss l-akkuzi ta' komplicita` fil-korruzzjoni, komplicita` fil-konkussjoni u komplicita` fl-istorn u l-provi li ngiebu biex jissostanzjaw l-imsemmija akkuzi o meno.

Illi **Carmel Scerri**, Divisional Manager (Distribution) fi hdan l-Enemalta, spjega kif hu kien responsabbli mill-meter section inkluz l-*smart meters* u offra l-isfond ta' kif inbdew l-investigazzjonijiet dwar tbghabis fl-*smart meters*.[8] Xehed kif il-meter elevat minghand Cilia kien *tampared* bl-istess mod tal-*meters* li kienu ntbghatu ghand ic-CESI.[9]

Illi **Christopher Cutajar**, *engineer* mal-Enemalta, xehed kif il-meter misjub fil-hanut tal-imputat kien *under-registering*.[10] **Joseph Giuliano,** [11] **Robert Busuttil,**[12] **John Tonna**[13] u **PS297 Guda Taddeo Baldacchino**[14]lkoll jikkonfermaw dan il-fatt. **Alan Chetcuti** pprezenta stima tal-konsum mhux irregistrat.[15]

Illi **Richard Gauci** li kien jahdem mal-Enemalta bhala *tradesman,* baqa' ma gharrafx lill-imputat.

Illi **Profs Cyril Spiteri Staines** xehed li l-meter ma kien qed jirregistra kwazi xejn, fil-fatt irrizulta li kien qed jirregistra 95%under.[16] Dan sehh kawza ta hruq f'sitt components *"u dawn il-components huma minn fejn jigu read il-currents tas-CTs, CT huwa current sensor li ghandu l-meter."*.[17]

Minn dan jirrizulta li ghajr ghall-akkuza ta' serq, ma ngabet l-ebda evidenza ohra biex tissostanzja mqarr remotament l-akkuzi l-ohra addebitati lill-imputat.

---

[8] Fol.42 et seq
[9] Vide ukoll fol.168 et seq. u fol.184
[10] Fol.55-56
[11] Fol.57
[12] Fol.59 et seq.
[13] Fol.74
[14] Fol.81 et seq.
[15] Fol.219 et seq.
[16] Fol.245
[17] Fol.246.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit rigward l-ewwel imputazzjoni, fuq mankanza assoluta ta' provi qed tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena fuq l-akkuzi l-ohra kollha.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**